MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Numru. 1017/2011

**IL-PULIZIJA
SPETTUR MICHAEL MALLIA
SPETTUR ANN MARIE MICALLEF**

**KONTRA**

**YULIAN VASILEV ILIEV ta' 30 sena, iben Vasil Kostov u Dobra nee' Petrova, imwieled Varna, il-Bulgarja, nhar il-15 ta' Awwissu, 1981, residenti fil-fond Aster Flats, nru 3, Flat 2, Triq Gorg Borg Olivier, Sliema, detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 36334A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Yulian Vasilev Iliev** li gie akkuzat talli:

1. Nhar id-29 ta' Awwissu, 2011, ghall-habta tal-4.00am, fi Triq it-Torri, Sliema, flimkien ma' persuna jew persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' madwar hamest elef Ewro(€5,000) fi flus kontanti minn gol-istabbiliment Time Square, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Paul Attard;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta' Paul Attard, liema hsara ma tiskorrix is-somma ta' elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Rat illi l-imputat, fil-mori tal-proceduri, irregistra ammissjoni li aktar tard rega' ri-afferma.

Rat ukoll l-Artikoli li  baghat l-Avukat Generali, u cioe':

- Fl-Artikolu 261(b)(c)(f), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 17 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi l-imputat hallas nofs is-somma derubata, dan almenu skond ma rrizulta anke mix-xhieda tal-proprjetarju ta' l-istabbiliment 'Time Square' Paul Attard.

Ikkunsidrat ukoll illi verament minn dak li rrizulta mill-provi, l-imputat ma kienx wahdu f'din is-serqa.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda ssibu hati, u dan wara li rat:

- L-Artikolu 261(b)(c)(f), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 17 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, qieset il-pagamenti li gew effettwati mill-imputat, qieset l-ammissjoni tieghu, rat il-fedina penali tieghu.
Tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena u nofs sospizi ghal tlitt snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------